PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Programm Elettorali

# Saħħa u Sport

L-investiment f'saħħtek: l-akbar impenn tagħna biex int tgħix aħjar

Nifs Ġdid

## Nifs Ġdid. Dan hu l-mument, tiegħek.

Din il-kampanja elettorali hija mibnija fuq wegħda ċara: b'dak li qed nipproponu rridu li nagħtu nifs ġdid lil Malta u Għawdex. Nifs ġdid lilek.

Fix-xhur li għaddew iltqajt ma' ħafna minnkom fid-djar, fil-pjazez u fuq il-postijiet tax-xogħol. Smajt it-tamiet, u l-aspirazzjonijiet tagħkom. Fuq kollox, fhimt kemm tħobbu lil pajjiżna. Bħalkom, jien kburi li jien Malti, u nemmen li flimkien nistgħu nibnu Malta u Għawdex li jistħoqqlok, li jistħoqqilhom uliedna.

Fil-programm elettorali qed nispjegaw kif nifs ġdid ifisser pajjiż li jerġa' jaħdem għan-nies: fejn inti jkollok aktar serħan il-moħħ, politika li tagħti futur liż-żgħażagħ f'pajjiżna, l-anzjani jgħixu bid-dinjità, u l-ħaddiema jkollhom paga aħjar. Nifs ġdid ifisser ukoll ekonomija ġusta fejn is-sidien tan-negozji jsibu gvern li jgħinhom u mhux li jfixkilhom, kura tas-saħħa fil-pront, edukazzjoni li tħejji għad-dinja ta' għada, sistema tat-trasport effiċjenti biex int ma tinqabadx fit-traffiku, kontijiet orħos u ambjent nadif li jagħtik nifs tajjeb għal saħħtek. Nifs ġdid ifisser ukoll Għawdex bħala reġjun b'potenzjal enormi li joffri futur lill-Għawdxin u jibqa' ġawhra għall-Maltin

Dan il-kapitlu, flimkien mal-bqija tal-programm elettorali, jippreżenta pjan ċar u realistiku biex inwettqu din il-viżjoni. Proposti konkreti biex intejbu l-ħajja tiegħek u nagħtu direzzjoni aġġornata lill-pajjiż.

Dan huwa l-impenn tagħna miegħek.
Flimkien nistgħu nagħtu lil Malta nifs ġdid.

**Alex Borg**
Kap tal-Partit Nazzjonalista



# L-investiment f’saħħtek: l-akbar impenn tagħna biex int tgħix aħjar

Saħħa u Sport

Irridu pajjiż isbaħ u ambjent b'saħħtu, fejn kull Malti u Maltija jgħixu aktar attivi, reżiljenti u b'saħħithom. Tabilħaqq, dan hu n-nifs ġdid li rridu nagħtu lill-pajjiż. Biex jikseb dan, il-Partit Nazzjonalista mmexxi minn Alex Borg qed jippreżenta pjan ta' azzjoni fejn is-saħħa u l-isport jitqiesu bħala pilastri strateġiċi li jtejbu l-kwalità tal-ħajja tiegħek u ta' dawk għeżież għalik.

L-investiment fis-saħħa tiegħek jibqa' l-akbar impenn tagħna, għax hu fundamentali biex inti tgawdi ħajtek bl-aħjar mod possibbli.

Għalhekk irridu sistema li tippromwovi s-saħħa fiżika, mentali u emozzjonali tul il-ħajja kollha. B'ekonomija li tikber, Gvern ġdid Nazzjonalista jinvesti bil-kbir fil-prevenzjoni u r-riabilitazzjoni, filwaqt li b'inizjattivi ġodda nsaħħu l-kultura sportiva u nħeġġu l-parteċipazzjoni wiesgħa fost in-nies ta' kull età.

Għandna r-rieda politika li nżommu standards għoljin kemm fis-saħħa kif ukoll fl-isport. Ma' saħħtek m'hemmx kompromessi: kull nefqa trid issir bil-għaqal biex ttejjeb il-kwalità ta' ħajtek. L-isport, min-naħa tiegħu, mhux attività sekondarja iżda parti essenzjali minn stil ta' ħajja aktar sana. Jista' jkun ukoll settur ekonomiku importanti li jiftaħ opportunitajiet ġodda, b'mod li l-introjtu tiegħu jiġi investit aktar fit-tfal u ż-żgħażagħ tagħna.

Pjan ta' Azzjoni

# Insarrfu l-wegħdi tagħna f'inizjattivi li jtejbu l-ħajja tiegħek

Dan il-pjan ta' azzjoni fis-saħħa għandu l-għan li jagħti nifs ġdid lil dan is-settur. Dan in-nifs ġdid jibda mill-kwalità tal-arja li nieħdu, sal-kura medika fin-network tal-isptarijiet, u jinkludi kemm il-prevenzjoni kif ukoll l-attività fiżika li ttejjeb is-saħħa.

Il-pjan hu li niżviluppaw sistema tas-saħħa li mhux biss tikkura l-mard, iżda li tħares, issaħħaħ u ttejjeb il-benesseri fiżiku, mentali u emozzjonali tul il-ħajja kollha. Se ninvestu fil-prevenzjoni, fl-intervent bikri u fir-riabilitazzjoni, biex innaqqsu l-pressjoni fuq l-isptarijiet u ntejbu l-kwalità tal-ħajja tan-nies. Dan jeħtieġ bidla fundamentali minn mudell li jirreaġixxi għall-mard għal wieħed li jipprevjeni l-mard.

Se noħolqu network modern ta' kura li jinkludi sptarijiet ġodda u speċjalizzati, kif ukoll faċilitajiet apposta għall-prevenzjoni, ħalli l-problemi tas-saħħa jiġu indirizzati minn kmieni. B'dan il-pjan, ir-riskju tal-mard jonqos u n-nies igawdu kwalità ta' ħajja aħjar.

Inizjattiva ewlenija f'dan il-qasam se tkun il-ħolqien ta' Park Nazzjonali tas-Saħħa - Ċentru ta' Lifestyle u Rijabilitazzjoni, li jgħaqqad il-prevenzjoni, is-saħħa fiżika u mentali u r-riabilitazzjoni f'ambjent naturali u aċċessibbli għal kulħadd. Dan se jservi bħala pilastru ċentrali tas-sistema tas-saħħa.

L-isport jaqdi rwol kruċjali f'din il-viżjoni. Aħna narawh mhux biss bħala attività rikreattiva, iżda anki bħala mezz biex nibnu soċjetà aktar sana, dixxiplinata u ambizzjuża. Pajjiż li jinvesti fl-isport hu pajjiż li jemmen fil-potenzjal tan-nies tiegħu - kemm għall-benesseri kif ukoll għall-eċċellenza.

Din hu l-pjan tagħna għal Malta: pajjiż fejn tgħix aħjar, tkun aktar b'saħħtek, u tkun taf li tista' sserraħ fuq sistema tas-saħħa soda u moderna. Fuqna tista' sserraħ.

# Network ta’ erba’ sptarijiet biex inti tinqeda aktar qribek u fil-ħin

## Park Nazzjonali Tas-Saħħa - Ċentru ta’ Lifestyle u Riabilitazzjoni ġdid li jżid il-prevenzjoni

Is-sistema tas-saħħa f’Malta tinsab taħt pressjoni dejjem akbar: sptarijiet iffullati, domanda li qed tiżdied u sfidi ġodda marbuta ma’ mard kroniku u s-saħħa mentali. F’dawn l-aħħar tliet leġiżlaturi taħt Gvern Laburista, rajna sistema li aktar milli tippjana, tirreaġixxi... b’faċilitajiet li marru lura u deċiżjonijiet li ma jlaħħqux mal-ħtiġijiet tal-lum. Dan mhuwiex aċċettabbli. Meta sistema tas-saħħa tidħol fi kriżi permanenti, is-servizz inevitabbilment ibati, bħalma rajna bis-sodod fil-kurituri u bi pressjoni kontinwa fuq il-professjonisti.

Qed nipproponu bidla fundamentali fil-mod kif Malta tħares lejn is-saħħa: sistema moderna mibnija fuq żewġ pilastri ċari u komplementari.

L-ewwel pilastru hu network nazzjonali ta’ erba’ sptarijiet moderni, imfassal biex jipprovdi kura akuta effiċjenti u aktar qrib il-komunitajiet. Dan in-network inaqqas il-pressjoni fuq Mater Dei, itejjeb l-aċċess u jiżgura li l-pazjent jingħata kura fil-post it-tajjeb, fil-ħin it-tajjeb u kemm jista’ jkun viċin tiegħu.

It-tieni pilastru hu Park Nazzjonali tas-Saħħa - Ċentru ta’ Lifestyle u Rijabilitazzjoni, riforma strutturali li timla vojt li ilu jeżisti: faċilità nazzjonali maħsuba għall-prevenzjoni, l-intervent bikri u r-riabilitazzjoni. Dan ikun l-ewwel linja ta’ difiża kontra l-mard u l-pont li jieħu lill-pazjenti lura lejn saħħa aħjar wara żmien ta’ kura fl-isptar.

Dawn iż-żewġ pilastri jaħdmu flimkien bħala sistema waħda: sptarijiet iffukati fuq kura akuta ta’ kwalità għolja, u Ċentru ta’ Lifestyle u Rijabilitazzjoni li jsaħħaħ il-prevenzjoni u l-kwalità tal-ħajja.

Din mhijiex biss sensiela ta’ proġetti, iżda direzzjoni ġdida għal Malta: sistema tas-saħħa aktar effiċjenti, aktar umana u sostenibbli fit-tul, li lill-pazjent tagħtih l-aqwa kura f’ambjent modern u lill-professjonisti tagħtih l-appoġġ meħtieġ u l-motivazzjoni.

Ċari fejn irridu naslu: sistema tas-saħħa li żżid l-indipendenza tiegħek. L-għan tagħna hu li nbiddlu s-sistema tas-saħħa minn waħda ffokata fuq il-kura reattiva għal waħda li tippromwovi l-benesseri, il-prevenzjoni u r-riabilitazzjoni, u li ssaħħaħ l-indipendenza tiegħek. Dan ifisser servizzi aktar effiċjenti, inqas pressjoni fuq l-isptarijiet, u kwalità ta’ ħajja aħjar liċ-ċittadini kollha.

Dan il-pjan se jitwettaq fuq medda ta’ leġiżlatura waħda b’fażijiet ċari: tisħiħ immedjat tas-servizzi eżistenti, l-iżvilupp ta’ Park Nazzjonali tas-Saħħa - Ċentru ta’ Lifestyle u Rijabilitazzjoni, it-trasformazzjoni tal-Paola Hub fi sptar, kif ukoll il-bini ta’ sptar ġdid fin-naħa ta’ fuq ta’ Malta u sptar ġdid f’Għawdex.



Proposti Ewlenin

01

## Network nazzjonali ta' erba' sptarijiet moderni u Park Nazzjonali tas-Saħħa - Ċentru ta' Lifestyle u Rijabilitazzjoni

Nibnu u norganizzaw sistema nazzjonali tas-saħħa fuq erba' sptarijiet ewlenin: Mater Dei bħala ċ-ċentru nazzjonali, sptar ġdid fit-Tramuntana, sptar reġjonali fin-Nofsinhar f'Raħal Ġdid permezz tat-trasformazzjoni tal-Paola Hub, u sptar ġenerali ġdid f'Għawdex. Dan in-network jiżgura distribuzzjoni ġusta tas-servizzi, inaqqas il-pressjoni fuq Mater Dei u jtejjeb l-aċċess għal kura qrib il-komunità fejn tgħix. Fl-istess ħin, jiġi żviluppat il-Park Nazzjonali tas-Saħħa - Ċentru ta' Lifestyle u Rijabilitazzjoni bħala pilastru ġdid tas-sistema tas-saħħa.

02

## Espansjoni u speċjalizzazzjoni fl-Isptar Mater Dei

Insaħħu lil Mater Dei b'aktar sodod fi swali speċjalizzati u nżidu t-teatri tal-operazzjonijiet, filwaqt li nimplimentaw mudell ċar ta' "acute-only hospital". Ninvestu fil-modernizzazzjoni u t-tkabbir tad-Dipartiment tal-Emerġenza u nsaħħu l-koordinazzjoni bejn l-isptarijiet biex il-pazjenti jiġu indirizzati mill-ewwel lejn il-faċilità t-tajba u l-eqreb waħda għalihom. Dan inaqqas il-ħin tal-istennija u jtejjeb l-effiċjenza tas-sistema.

03

## Sptar ġdid strateġiku fit-Tramuntana

Nibnu sptar ġdid fit-Tramuntana b'250 sodda li jservi bħala pilastru strateġiku tas-sistema tas-saħħa. Dan inaqqas il-pressjoni fuq Mater Dei u jservi lill-komunitajiet tal-inħawi li qed jikbru b'rata mgħaġġla, filwaqt li jtejjeb l-aċċess għall-kura.

04

## Trasformazzjoni tal-Paola Hub fi sptar reġjonali

Nittrasformaw il-Paola Hub fi sptar reġjonali ġdid ta' 250 sodda li joffri kura medika, riabilitazzjoni u servizzi speċjalizzati. Dan isaħħaħ is-servizzi fin-Nofsinhar, inaqqas il-piż minn fuq Mater Dei u jtejjeb l-aċċess għal kura eqreb tad-dar.

05

## Sptar ġdid f'Għawdex

Nibnu sptar ġenerali ġdid f'Għawdex b'400 sodda b'servizzi speċjalizzati addizzjonali u integrazzjoni sħiħa man-network nazzjonali tas-saħħa. Dan jiżgura kontinwità tal-kura u jnaqqas il-bżonn li pazjenti Għawdxin jivvjaġġaw lejn Malta għal servizzi li jistgħu jingħataw lokalment.

06

## Park Nazzjonali tas-Saħħa

Niftħu Park Nazzjonali tas-Saħħa bħala parti minn riforma strutturali tas-sistema tas-saħħa, li tgħaqqad il-prevenzjoni, il-fitness fiżiku u mentali u r-riabilitazzjoni f'ambjent naturali u aċċessibbli għal kulħadd.

07

## Tabib tal-familja għall-anzjani u l-persuni vulnerabbli

Nintroduċu servizz b'xejn fejn it-tabib tal-familja tal-għażla tal-pazjent iżur id-dar tal-anzjani u l-persuni vulnerabbli. Dan isaħħaħ il-prevenzjoni, itejjeb il-kura fil-komunità u jnaqqas l-ammissjonijiet evitabbli fl-isptar.

08

# Cancer Treatment Guarantee

Nintroduċu garanzija li kull pazjent bil-kanċer jingħata l-mediċini kollha preskritti mill-konsulent tiegħu b'xejn. Mediċini li bħalissa mhumiex fil-formularju jitpoġġew fih biex il-kura ma tibqax tiddependi fuq maratoni ta' ġbir tal-flus jew tbati minħabba xi dewmien amministrattiv. Il-mediċina meħtieġa hija dritt u mhux privileġġ.

09

# Mudell modern ta' kura tas-saħħa mentali

Nintroduċu mudell ibbażat fuq kura komunitarja msaħħa, b'integrazzjoni aħjar fl-isptarijiet u faċilitajiet speċjalizzati iżgħar. Dan inaqqas l-istigma u jipprovdi kura aktar dinjituża, effettiva u qrib il-komunità.

10

# Fit 4 Life - Inċentivi varji għall-ħajja aktar sana għaż-żgħażagħ permezz ta' smart watch

Nagħtu smart watch liż-żgħażagħ ta' bejn il-15 u l-25 sena biex ninkoraġġixxu aktar attività fiżika u stil ta' ħajja attiv. Bi skema ta' inċentivi u vouchers, iż-żgħażagħ jitħeġġu jimxu aktar, jagħmlu l-isport u jtejbu l-benesseri tagħhom.

# Biex int tinqeda fil-ħin u b'dinjità, bi dritt

## 11. Pjan kontra l-iffullar fl-isptarijiet

L-iffullar fl-isptarijiet qed iwassal għal dewmien fil-kura u pressjoni fuq il-pazjenti, fuq il-ħaddiema u fuq is-servizzi. Se nimplimentaw pjan kontra l-iffullar li jinkludi żieda fil-kapaċità, koordinazzjoni aħjar bejn is-servizzi u tisħiħ tal-kura fil-komunità. Il-bini ta' sptarijiet ġodda se jkun kruċjali biex titnaqqas il-pressjoni fuq Mater Dei u titjieb l-esperjenza tal-pazjent.

## 12. Eliminazzjoni tal-waiting lists permezz ta' sistema fil-ħin reali

Inwaqqfu Just-In-Time Command Centre li jimmaniġġja l-operazzjonijiet, il-cancellations, l-imaging, il-konsultazzjonijiet speċjalizzati u l-użu tat-teatri fil-ħin reali. L-għan hu li l-waiting lists jiġu indirizzati b'mod sistematiku, effiċjenti u jinqatgħu.

## 13. Ċentri reġjonali ta' kura urġenti u dijanjostika

Insaħħu ċ-ċentri tas-saħħa ewlenin biex joffru kura urġenti, dijanjostika u proċeduri minuri fl-istess post, b'ħinijiet estiżi. Dan joħloq "front door" reali barra l-isptarijiet akuti u jnaqqas il-pressjoni fuq Mater Dei.

## 14. Sistema "Treat and Refer" aktar effiċjenti

Insaħħu r-rwol tal-paramediċi biex jindirizzaw każijiet fuq il-post u jirreferu direttament lejn servizzi xierqa, mingħajr ma jkollhom għalfejn iduru awtomatikament fuq l-isptar. Dan inaqqas il-piż fuq id-Dipartiment tal-Emerġenza u jtejjeb ir-rispons tas-sistema.

## 15. Discharge planning u follow-up fil-komunità

Kull pazjent li joħroġ mill-isptar ikollu pjan ta' discharge ikkoordinat u follow-up ċar fil-komunità. Dan inaqqas ir-readmissions fl-isptar, isaħħaħ il-kontinwità tal-kura u jtejjeb il-koordinazzjoni bejn is-servizzi.

## 16. Żieda fil-kapaċità tal-ICU u l-HDU

Inżidu s-sodod fl-ICU u l-HDU b'apparat modern u staff speċjalizzat, biex is-sistema tas-saħħa tkun aktar reżiljenti għal emerġenzi u kriżijiet tas-saħħa.

## 17. Faċilitajiet ta' riabilitazzjoni u kura intermedja

Nespandu s-servizzi ta' riabilitazzjoni u kura intermedja barra mill-isptarijiet akuti, biex il-pazjenti li m'għadhomx jeħtieġu kura intensiva ma jibqgħux jokkupaw sodod akuti bla bżonn.

## 18. Mudell integrat ta' kura "one-stop" għall-pazjent u l-familja

Nimplimentaw mudell fejn it-terapija, ir-riabilitazzjoni u s-servizzi ta' appoġġ jingħaqdu f'esperjenza waħda kontinwa. Dan inaqqas il-frammentazzjoni tas-servizzi u jtejjeb il-koordinazzjoni tal-kura, b'approċċ li jinkludi wkoll lill-familja.

## 19. Żieda fl-ambulanzi u s-servizz tal-paramediċi

Ninvestu f'aktar ambulanzi, staff u sistemi moderni ta' dispatch biex jitnaqqsu l-ħinijiet ta' rispons. Servizz ta' emerġenza effiċjenti hu essenzjali biex il-pazjent jirċievi kura fil-ħin u b'mod sigur.

# Servizzi għalik fil-komunità u fil-kumdità ta' darek

## 20. Aktar testijiet u rwol estiż għat-tobba tal-familja

Insaħħu r-rwol tat-tobba tal-familja billi nagħtuhom aktar awtonomija biex jordnaw testijiet dijanjostiċi, inkluż imaging u testijiet tad-demm, b'riżultati aċċessibbli direttament għalihom. B'hekk it-tobba tal-familja jsiru koordinaturi ċentrali tal-kura, li jtejbu d-dijanjożi bikrija u jnaqqsu l-piż minn fuq l-isptarijiet.

## 21. Twassil tal-mediċini fid-djar tal-anzjani

Nimplimentaw tassew servizz nazzjonali li jwassal il-mediċini b'xejn fid-djar tal-anzjani, biex jittaffew il-piżijiet li għandhom u titjieb il-konvenjenza u l-aderenza għall-kura. Din tkun miżura implimentata fl-ewwel sena ta' Gvern ġdid Nazzjonalista.

## 22. Timijiet multidixxiplinari fil-komunità

Nintroduċu timijiet multidixxiplinari li joperaw fiċ-ċentri tas-saħħa u fil-komunità, biex il-pazjenti jinqdew b'mod aktar effiċjenti u qrib darhom. Dan inaqqas il-ħtieġa ta' riferimenti lejn l-isptarijiet u jtejjeb il-koordinazzjoni tal-kura.

## 23. Check-ups regolari għall-anzjani fil-komunità

Nintroduċu servizzi regolari ta' skrinjar u monitoraġġ għall-anzjani u persuni vulnerabbli, għall-pressjoni, id-dijabete, in-nifs u kundizzjonijiet oħrajn, permezz ta' kliniċi mmexxija mill-infermieri fi ħdan il-komunitajiet. L-informazzjoni tkun integrata ma' sistemi diġitali bħal myHealth biex jiġi żgurat follow-up aħjar.

## 24. Espansjoni tas-servizz Hospital-at-Home

Nespandu s-servizzi ta' kura fid-dar għall-pazjenti b'mard kroniku jew mobbiltà limitata. Timijiet mediċi u infermiera jipprovdu monitoraġġ u trattament fid-dar, biex jonqsu r-riferimenti lejn l-isptar u titjieb il-kwalità tal-ħajja tal-pazjenti.

## 25. Servizzi terapewtiċi għat-tfal fil-komunità

Nespandu s-servizzi terapewtiċi għat-tfal, inkluż tal-ispeech therapy, l-occupational therapy u l-psikoloġija, fil-lokalitajiet madwar il-pajjiż. Dan jippermetti intervent bikri u jnaqqas il-waiting lists għall-familji.

## 26. Alleanzi nazzjonali tas-saħħa bil-parteċipazzjoni tal-pazjenti

Nibnu alleanzi nazzjonali tematiċi bħal Diabetes Alliance, Heart Health Alliance u Cancer Alliance, li jiġbru flimkien lil pazjenti, NGOs, professjonisti u policymakers. Kull alleanza jkollha fond annwali apposta favur il-prevenzjoni, l-edukazzjoni u s-servizzi fil-komunità, b'governanza ċara u accountability.

## 27. Aktar servizzi u għajnuna għal persuni bid-diabete

Inkomplu nestendu s-servizz tal-Continuous Glucose Monitoring (CGM) mhux biss għall-persuni li għandhom id-Dijabete Type 1 imma wkoll lill-persuni li huma Type 2. Inħaffu l-proċess li bih qed issir ir-roll out tal-insulin pumps biex dawn jibdew jintużaw minn kull min hu Type 1 jew insulin dependent Type 2.

# Niġġieldu l-kanċer b'aktar qilla

## 28. Tisħiħ tas-servizzi tal-iskrinjar kontra l-kanċer

Inwettqu pjan usa għall-prevenzjoni u l-iskrinjar ta' tipi differenti ta' kanċer, skont l-aqwa standards Ewropej. Dan isaħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-isptarijiet, is-servizzi komunitarji u r-riċerka klinika, ħalli l-każijiet jinqabdu aktar kmieni u titjieb ir-rata ta' trattament b'suċċess.

## 29. Kimoterapija fid-dar lill-pazjenti eliġibbli

Nespandu s-servizz tal-kimoterapija fid-dar għall-pazjenti li huma klinikament eliġibbli, bl-appoġġ ta' timijiet multidixxiplinari u monitoraġġ kontinwu. Dan inaqqas ir-riferimenti lejn l-isptar u jtejjeb ġmielha l-kwalità tal-ħajja tal-pazjenti.

## 30. Procurement ċentralizzat tal-mediċini tal-kanċer

Nintroduċu sistema ċentralizzata ta' procurement tal-mediċini tal-kanċer biex niżguraw aċċess stabbli, negozjar aħjar tal-prezzijiet u sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tas-saħħa.

## 31. Appoġġ multidixxiplinari lill-pazjenti bil-kanċer

Insaħħu s-servizzi ta' appoġġ psikoloġiku, nutrizzjoni klinika u riabilitazzjoni biex il-kura tal-kanċer tkun aktar ħolistika, u tiffoka mhux biss fuq il-marda nnifisha iżda anki fuq il-benesseri tal-pazjenti u tal-familja tagħhom.

## 32. Espansjoni tas-servizzi tal-kura paljattiva

Nespandu s-servizzi tal-kura paljattiva kemm fl-isptar kif ukoll fil-komunità, inkluż bis-saħħa tal-NGOs, biex il-pazjenti b'mard serju jkollhom kura b'kompassjoni, dinjità u appoġġ kontinwu.

## 33. Tisħiħ tar-riċerka klinika fl-onkoloġija

Insaħħu l-kapaċità ta' Xjenza Malta, l-Università ta' Malta u s-servizzi tas-saħħa biex tiżdied il-parteċipazzjoni fir-riċerka klinika internazzjonali fil-qasam tal-kanċer. Insaħħu wkoll il-monitoraġġ tal-iżviluppi globali biex il-pazjenti Maltin ikollhom aċċess bikri għal trattamenti innovattivi u terapiji ġodda. Gvern ġdid Nazzjonalista jinċentiva wkoll lill-istudenti u lir-riċerkaturi biex jaħdmu fuq il-prevenzjoni u l-kura tal-kanċer.

## 34. Safe Shield għall-pazjenti bil-kanċer

Nintroduċu l-inizjattiva Safe Shield, biex il-pazjenti bil-kanċer, b'mod partikolari dawk bi dgħjufija fis-sistema immunitarja, ma jibqgħux jitħallew jistennew fl-istess spazji ma' pazjenti b'infezzjonijiet jew mard li jista' jpoġġi l-ħajja tagħhom f'riskju. F'mumenti bħal dawn, qed inwiegħdu li l-pazjenti bil-kanċer isibu attenzjoni u kura urġenti li jipproteġu s-saħħa u l-ħajja tagħhom bid-dinjità.

Din l-inizjattiva tbiddel mill-qiegħ il-mod kif is-servizz tal-emerġenza jilqa' lill-pazjenti vulnerabbli: minn sistema waħda għal kulħadd, nimxu lejn kura aktar intelliġenti, aktar koordinata u aktar sikura.

## 35. Żona protetta fid-Dipartiment tal-Emerġenza

Nintroduċu fast-track jew żoni protetti għall-pazjenti bil-kanċer u għall-pazjenti bi dgħjufijiet immunitarji, biex ma jiġux imġiegħla jistennew f'żoni iffullati u esposti għall-infezzjonijiet. Qed inwiegħdu triage dirett, kmamar protetti jew żoni apposta, skont pjan imfassal mill-professjonisti mediċi.

## 36. Standard mediku tal-Golden Hour

Niżguraw li l-pazjenti onkoloġiċi li jidħlu fid-Dipartiment tal-Emerġenza b'sintomi kritiċi bħal deni, infezzjoni suspettata jew uġigħ qawwi jingħataw prijorità klinika ċara. L-għan hu li, meta jkun meħtieġ, jingħataw antibijotiċi jew trattament speċjalizzat għall-uġigħ f'inqas minn 60 minuta mill-wasla tagħhom.

## 37. Sistema waħda integrata

Nimplimentaw sistema diġitali sigura li permezz tagħha l-pazjent jew it-tim mediku tiegħu jkollhom sommarju kliniku essenzjali disponibbli minnufih għat-tobba tal-emerġenza. Il-pazjenti fi kriżi m'għandhomx għalfejn jirrepetu l-istorja medika tagħhom darba wara l-oħra. Hekk tiżdied il-privatezza, jonqsu l-iżbalji u titjieb il-kwalità tad-deċiżjonijiet kliniċi.

## 38. Prevenzjoni, edukazzjoni u appoġġ lill-familji

Ninvestu fi programmi ta' edukazzjoni għall-pazjenti u l-familji tagħhom dwar kif jagħrfu sinjali bikrin ta' kumplikazzjonijiet, meta għandhom jikkuntattjaw lill-helpline, u kif jimmaniġġjaw ċerti sitwazzjonijiet minn darhom b'mod sikur. L-aqwa mod biex tindirizza emerġenza hi dik li tevitaha b'pariri tajbin, intervent bikri u kura kkoordinata.

# Insaħħu l-prevenzjoni

## 39. Attività fiżika bħala parti mill-kura

Nintegraw l-attività fiżika fil-kura primarja permezz ta' exercise-referral schemes minn tobba u professjonisti tas-saħħa għall-persuni b'riskju ta' obeżità, dijabete, mard tal-qalb u problemi ta' saħħa mentali. Dan jagħmel l-eżerċizzju parti strutturata mill-prevenzjoni, u mhux biss parir ġeneriku.

## 40. Screening b'xejn għas-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema u s-self-employed

Ir-relazzjoni bejn il-ħaddiema u x-xogħol ma tistrieħx biss fuq il-pagi li bi Gvern Nazzjonalista jiżdiedu b'aktar attività ekonomika u ħolqien ta' impjiegi ġodda b'pagi ogħla. Għall-Partit Nazzjonalista s-saħħa tal-ħaddiema hi fundamentali fil-kwalita' tal-ħajja. Indaħħlu programm ta' screening b'xejn għall-ħaddiema kollha biex jieħdu ħsieb aktar is-saħħa fiżika u mentali tagħhom. Dan il-programm ta' screening b'xejn ikun japplika wkoll għas-self-employed.

## 41. Arja aktar nadifa għal saħħa aħjar

Insaħħu l-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja u nintroduċu pjanijiet lokali ta' mitigazzjoni tat-tniġġis, b'mod partikolari fiż-żoni fejn l-impatt fuq it-tfal, l-anzjani u l-persuni b'mard respiratorju hu qawwi. Il-prevenzjoni tal-mard respiratorju tibda mill-kwalità tal-arja fil-lokalitajiet u t-toroq tagħna.

## 42. Programm HEARTS għall-kura primarja

Nimplimentaw il-programm tal-World Health Organization HEARTS fiċ-ċentri tas-saħħa u fil-kura primarja, biex il-persuni b'riskju ta' pressjoni għolja, mard tal-qalb, dijabete jew puplesija jingħataw screening, follow-up u trattament standardizzat. Dan inaqqas l-emerġenzi evitabbli u jnaqqas il-pressjoni fuq l-isptarijiet.

# Is-saħħa mentali u l-wellbeing tiegħek

## 43. Mudell ġdid tas-saħħa mentali integrat

Nimplimentaw mudell modern tas-saħħa mentali li jintegra l-prevenzjoni, il-kura komunitarja u s-servizzi in-patient b'mod ikkoordinat. Dan jiżgura l-kontinwità waqt il-kura u appoġġ lill-pazjent mingħajr interruzzjonijiet jew skossi.

## 44. Riċerka u data dwar is-saħħa mentali

Ninvestu fir-riċerka u fil-ġbir sistematiku ta' data dwar is-saħħa mentali biex il-politika li nwettqu tkun ibbażata fuq l-evidenza u informazzjoni aġġornata. Dan jgħin biex is-servizzi jitfasslu aħjar skont il-bżonnijiet reali tal-popolazzjoni.

## 45. Kampanja dwar is-saħħa mentali

Nimplimentaw kampanja ta' għarfien biex ilkoll nagħtu importanza xierqa lis-saħħa mentali u nnaqqsu l-istigma. Se nsaħħu wkoll il-programmi tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol u fil-komunità biex innaqqsu l-istress u l-burnout, filwaqt li niffokaw fuq il-prevenzjoni u l-intervent bikri.

## 46. Appoġġ psikoloġiku aktar sod fl-iskejjel

Insaħħu s-servizzi ta' counsellors u psikologi fl-iskejjel biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet tas-saħħa mentali tat-tfal u ż-żgħażagħ minn kmieni. Dan jgħin biex id-diffikultajiet jinqabdu minn kmieni u jingħata l-appoġġ meħtieġ fil-ħin. Dan l-approċċ jikkumplimenta it-tagħlim ta' metodi ta' mindfulness u resilienza bħala aspetti ta' prevenzjoni fl-iskejjel.

# Sistema diġitali li ttejjeb l-effiċjenza fil-kura li tingħata

## 47. Sistema waħda integrata tar-rekord elettroniku tal-pazjenti

Se nikkonsolidaw u ngħaqqdu f'sistema waħda r-rekords elettroniċi tal-pazjenti bejn is-servizzi pubbliċi, privati u tal-komunità. Dan jiżgura li l-informazzjoni medika tkun disponibbli b'mod sigur u fil-ħin, u jtejjeb il-kwalità u l-kontinwità tal-kura.

Insaħħu "digital front door" wieħed għas-servizzi tas-saħħa fejn il-pazjent jista' jaċċessa appuntamenti, riferimenti, riżultati u komunikazzjoni mas-servizzi tas-saħħa b'mod sempliċi u effiċjenti.

## 48. Telemediċina integrata fil-kura ta' kuljum

Nespandu l-użu tat-telemediċina fejn xieraq, b'mod partikolari għal follow-ups u l-kura għal kundizzjonijiet kroniċi, biex jitnaqqsu żjarat fl-isptar mhux meħtieġa u jitjieb l-aċċess għall-pazjenti, inkluż f'Għawdex u ż-żoni mbiegħda.

## 49. Sigurtà u protezzjoni tad-data tas-saħħa

Insaħħu l-istandards tas-cybersecurity u l-protezzjoni tad-data tas-saħħa biex niżguraw li kull informazzjoni sensittiva tal-pazjenti tkun protetta u użata b'mod responsabbli, filwaqt li tinżamm il-fiduċja fis-sistema diġitali.

## 50. Innovazzjoni u intelliġenza artifiċjali fis-saħħa

Nippromwovu innovazzjoni responsabbli fil-medtech u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali biex tappoġġa dijanjożi, ippjanar u riċerka, b'qafas ċar etiku u kliniku li jiżgura s-sigurtà tal-pazjenti.

## 51. MedTech Innovation Hub

Inwaqqfu MedTech Innovation Hub, launch lab u valorisation centre biex Malta tiżviluppa ekosistema ta' innovazzjoni fis-saħħa. Dawn joħolqu impjiegi ta' kwalità, jattiraw l-investiment u jżommu t-talent Malti, b'kollaborazzjoni mal-Università, l-industrija u l-isptarijiet.

# Skola medika ġdida u żieda fl-istipendji tal-istudenti tas-saħħa

## 52. Żieda fl-istipendji għall-istudenti fis-settur tas-saħħa

Insaħħu l-appoġġ lill-istudenti li jagħżlu karrieri fis-saħħa billi nżidu l-istipendju għal madwar €1,000 fix-xahar għall-istudenti tan-nursing u korsijiet relatati mas-saħħa. Din il-miżura għandha l-għan li tagħmel dawn il-professjonijiet aktar attraenti, tgħin biex nattiraw aktar żgħażagħ lejn is-settur, u ssaħħaħ il-kapaċità ta' Malta li tħarreġ il-ħaddiema tagħha stess fis-saħħa għall-futur.

## 53. Skola medika ġdida fl-Università ta' Malta

Nibnu Skola Medika ġdida fl-Università ta' Malta biex tindirizza l-pressjoni u n-nuqqas ta' spazju li llum qed jiffaċċjaw l-istudenti tal-korsijiet fis-saħħa. Din l-iskola ġdida tkun maħsuba esklussivament għat-tagħlim, b'faċilitajiet moderni u separati mis-servizzi kliniċi, biex l-istudenti jitħarrġu f'ambjent xieraq u ta' kwalità għolja. L-iskola medika l-ġdida se tkun mgħammra b'faċilitajiet avvanzati, inkluż librerija moderna, lecture halls b'teknoloġija edukattiva mill-aktar riċenti, clinical simulation laboratories u tagħmir teknoloġiku ta' livell għoli. Dan biex l-istudenti jiksbu ħiliet prattiċi u kompetenzi li jwieġbu għall-ħtiġijiet tas-sistema tas-saħħa moderna. Dan hu investiment fil-futur tas-saħħa f'Malta, biex inkomplu nżidu l-kapaċità nazzjonali b'ħaddiema mħarrġa lokalment.

# Ir-rabta tagħna: qalb waħda mal-ħaddiema tas-saħħa li jagħtu kollox għall-pazjenti

## 54. Pakkett finanzjarju ġdid għall-ħaddiema tas-saħħa

Fl-ewwel 100 jum ta' Gvern ġdid Nazzjonalista, ninnegozjaw pakkett finanzjarju ġdid mal-partijiet ikkonċernati kollha fis-settur tas-saħħa. Dan jinkludi kundizzjonijiet aħjar u titjib fid-dħul biex nattiraw u nżommu l-professjonisti fis-sistema.

## 55. Żieda strateġika fil-ħaddiema fis-settur tas-saħħa

Se nfasslu pjan biex jiżdiedu l-ħaddiema fis-settur tas-saħħa u fid-djar tal-anzjani. Dan jantiċipa l-bżonnijiet ta' tobba, infermiera u professjonisti oħra biex is-sistema tkun ippjanata b'mod sostenibbli u mhux ibbażata fuq soluzzjonijiet temporanji.

## 56. Nindirizzaw b'mod immedjat n-nuqqas tal-ħaddiema fis-saħħa

Il-pazjenti m'għandhomx ibatu minħabba nuqqas ta' ħaddiema. Għalhekk se nindirizzaw il-pressjoni immedjata fis-sistema billi nneħħu temporanjament l-ispejjeż kollha relatati mar-reklutaġġ tal-ħaddiema barranin fis-settur tas-saħħa, inkluż il-permessi tax-xogħol u l-viżi. Din il-miżura tibqa' fis-seħħ sakemm Malta jkollha biżżejjed professjonisti lokali.

## 57. Pjan għat-taħriġ tal-ispeċjalisti

Nintroduċu pjan strutturat għat-taħriġ tal-ispeċjalisti fis-settur tas-saħħa, biex Malta tkun tista' tippjana u tipproduċi b'mod sostenibbli l-konsulenti u l-professjonisti meħtieġa għall-ġejjieni. Dan il-pjan jinkludi żieda fil-postijiet tat-taħriġ, aktar opportunitajiet ta' speċjalizzazzjoni, u sistema aktar koordinata bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u l-isptarijiet. L-għan hu li nsaħħu wkoll is-servizzi mmexxija mill-konsulenti (consultant-led services), intejbu l-kwalità tal-kura u nnaqqsu d-dipendenza fuq ir-reklutaġġ estern, filwaqt li nagħtu opportunitajiet ċari lill-professjonisti Maltin ta' progressjoni fil-karriera tagħhom.

## 58. Progress fil-karriera u taħriġ kontinwu

Nintroduċu strutturi ċari ta' karriera u speċjalizzazzjoni għat-tobba, l-infermiera u professjonisti oħra. Insaħħu wkoll is-sistema tal-continuous professional development u r-revalidation biex il-professjonisti jibqgħu aġġornati u motivati tul il-karriera tagħhom.

## 59. Kundizzjonijiet u ambjent tax-xogħol aħjar

Ninvestu f'kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar fil-faċilitajiet tas-saħħa, inkluż staffing adegwat, prevenzjoni ta' burnout u appoġġ għall-benesseri tal-ħaddiema. Sistema tas-saħħa b'saħħitha tibda minn workforce imħarsa u rispettata.Inzidu l-meal bonus li huma ntitolati għalih l-ħaddiema tas-saħħa b'40%.

## 60. Rikonoxximent u valorizzazzjoni tal-professjonisti tas-saħħa

Nsaħħu r-rikonoxximent tal-ħaddiema tas-saħħa permezz ta' involviment volontarju akbar fid-deċiżjonijiet u fil-policy making, biex il-kontribut tagħhom ikun verament rifless fis-sistema.

## 61. Nattiraw lejn Malta speċjalisti li ħadmu barra

Biex nattiraw lura t-talent lejn pajjiżna, lill-ispeċjalisti Maltin li marru jaħdmu barra nagħtuhom ħames snin tax break jekk jiġu lura biex jaħdmu f'Malta.

# Dinjità, drittijiet u standards

## 62. Uffiċċju Nazzjonali għas-Sikurezza tal-Pazjent

Inwaqqfu Uffiċċju Nazzjonali għas-Sigurtà tal-Pazjent li jiffoka fuq l-istandards, il-prevenzjoni u t-tagħlimiet minn inċidenti fuq livell nazzjonali. B'differenza mill-Ombudsman, dan l-Uffiċċju janalizza r-riskji sistematiċi, jippubblika gwida u jrawwem kultura ta' sikurezza fis-servizzi pubbliċi u privati tas-saħħa. Dan l-uffiċċju jaddotta u jtejjeb fuq l-iStrategija Nazzjonali dwar is-Sigurtà tal-Pazjent li għada kif tnediet.

## 63. Patient Dignity Charter għal kull età

Nintroduċu Patient Dignity Charter bi standards ċari fuq il-privatezza, l-informazzjoni, il-kunsens, l-iġjene, l-ikel, is-silenzju, il-komunikazzjoni u r-rispett. Nemmnu li kull pazjent, minn tfal, sa adulti jew anzjani, għandu dritt fundamentali għal trattament b'dinjità u umanità.

## 64. Care Navigators / Patient Liaison Officers fl-isptarijiet

Is-sistema ta' Care Navigators (Patient Liaison Officers) tiġi estiża biex tassisti lill-pazjenti kollha b'mard serju, lill-anzjani, lill-persuni vulnerabbli, lill-pazjenti tal-kanċer u lill-persuni b'kundizzjonijiet kroniċi. Dawn jgħinu fil-koordinazzjoni tal-appuntamenti, il-mediċini, il-follow-ups u s-servizzi fil-komunità, kif ukoll jappoġġaw lill-familji tagħhom.

## 65. Kunsens infurmat u komunikazzjoni ċara fil-kura

Niżguraw li kull pazjent jirċievi informazzjoni ċara u li tinftiehem dwar id-dijanjożi, l-alternattivi ta' trattament u r-riskji. Il-pazjenti jkollhom aċċess għal komunikazzjoni b'lingwa li jifhmu u appoġġ meta meħtieġ. Id-deċiżjonijiet kliniċi jkunu maqsumin, trasparenti u bi spjegazzjonijiet li jinftiehmu minn persuni ordinarji.

## 66. Aktar mediċini b'xejn u aċċess usa' għall-kura

Inżidu l-lista tal-mediċini li jingħataw b'xejn għal diversi kundizzjonijiet mediċi. L-aċċess għall-mediċina għandu jkun ibbażat fuq il-bżonn tal-pazjent u mhux imfixkel minn burokrazija żejda, biex il-kura tkun aktar moderna u ġusta.

## 67. Ċentru nazzjonali modern għad-demm, iċ-ċelloli u t-tessuti

Se nżidu u naċċelleraw il-kapaċità nazzjonali tal-ħażniet tad-demm, iċ-ċelloli u t-tessuti permezz ta' infrastruttura moderna u aktar awtosuffiċjenza. Dan l-investiment isaħħaħ il-kura tal-kanċer, l-operazzjonijiet kirurġiċi u r-reżiljenza ġenerali tas-sistema tas-saħħa.

# Sport, inkluż għal saħħa fiżika u mentali

## 68. Ministeru ddedikat għall-Isport

Nistabbilixxu Ministeru ddedikat għall-Isport biex il-politika sportiva tingħata direzzjoni unika, aktar iffukata u investiment sostnut. L-isport ma jibqax trattat bħala qasam sekondarju, iżda jsir pilastru nazzjonali b'governanza ċara u viżjoni fit-tul.

## 69. Strateġija Nazzjonali għall-Isport 2026-2035

Inniedu Strateġija Nazzjonali għall-Isport 2026-2035 li tgħaqqad is-saħħa, l-edukazzjoni, it-turiżmu sportiv, il-parteċipazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi. Din l-istrateġija, imfassla b'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, tistabbilixxi miri ċari u indikaturi biex tissaħħaħ il-professjonalità, il-faċilitajiet u l-prestazzjoni tas-settur sportiv kollu.

## 70. Qafas regolatorju modern għall-isport

Naġġornaw il-qafas regolatorju tal-isport biex niżguraw standards minimi ċari fil-governanza, is-salvagwardja, it-trasparenza, l-integrità u r-responsabbiltà finanzjarja. Dan kollu jsir b'mod li jnaqqas il-burokrazija u jsaħħaħ l-effiċjenza u l-fiduċja fis-settur.

# Sport fil-komunità u aċċess għal kulħadd

## 71. Aċċess pubbliku b'xejn għall-faċilitajiet lokali

Meta l-faċilitajiet ikollhom natura komunitarja, niżguraw ħinijiet regolari ta' aċċess b'xejn għall-familji u r-residenti, b'mod organizzat.

# Sport fl-iskejjel, studenti u żgħażagħ

## 72. Network ta' gyms fl-apert u parks attivi

Inzidu l-gyms fl-apert, ċirkwiti tal-ġiri u żoni tal-eżerċizzju fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. Dan jinkludi l-ħolqien ta' mill-inqas 20 spazju ġdid kull sena biex aktar nies jagħmlu attività fiżika qrib darhom.

## 73. Faċilitajiet sportivi aċċessibbli għall-anzjani

Naddattaw bosta faċilitajiet pubbliċi b'tagħmir, ħinijiet u programmi speċifiċi għall-anzjani, biex nippromwovu l-ħajja attiva, mobbiltà aħjar u titjib fis-saħħa mentali permezz tal-attività fiżika.

## 74. Programm tal-isport informali

Noħolqu spazji pubbliċi għall-isport urban u informali, inkluż 3x3 basketball, skating, cage football u calisthenics, biex nattiraw aktar żgħażagħ lejn attività fiżika anke barra l-istrutturi tradizzjonali tal-clubs.

## 75. Sport Connect - programmi komunitarji kontra l-esklużjoni

Insaħħu l-programmi sportivi fil-komunità b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali u l-NGOs biex l-isport jintuża bħala għodda kontra l-esklużjoni soċjali, il-vizzji u l-inattività, speċjalment fost iż-żgħażagħ.

## 76. Standard minimu obbligatorju għall-isport fl-iskejjel

Nintroduċu standards minimi nazzjonali biex kull student ikollu aċċess għal spazju adegwat għall-edukazzjoni fiżika mingħajr ma jixxekkel mis-sitwazzjoni fil-binja jew il-lokalità tal-iskola tiegħu.

## 77. Awditjar nazzjonali tal-faċilitajiet sportivi fl-iskejjel

Fl-ewwel sena ta' Gvern ġdid Nazzjonalista jsir awditjar tekniku ta' kull skola biex nidentifikaw in-nuqqasijiet fejn jidħlu gyms, grawnds, changing rooms, showers u tagħmir sportiv, u nippreżentaw pjan ta' prijorità għal investiment u titjib.

## 78. Tisħiħ tal-edukazzjoni fiżika l-iskejjel primarji

Insaħħu l-kwalità u l-konsistenza tal-edukazzjoni fiżika fl-iskejjel primarji billi nżidu l-ħin effettiv għall-attività fiżika u nsaħħu l-involviment tal-għalliema speċjalizzati.

## 79. Rabta sistematika bejn l-iskejjel u l-clubs sportivi

Noħolqu qafas strutturat ta' kollaborazzjoni bejn l-iskejjel, il-clubs u l-assoċjazzjonijiet biex it-tfal ikollhom tranżizzjoni naturali mill-PE lejn parteċipazzjoni attiva fi sport organizzat fil-komunità.

# Infrastruttura u faċilitajiet sportivi

## 80. Tisħiħ tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport

Insaħħu l-Iskola Nazzjonali tal-Isport b'aktar postijiet, aktar investiment u pjan sportiv professjonali li jestendi wkoll għal-livell post-sekondarju.

## 81. Aċċess għal faċilitajiet sportivi f'Għawdex għall-istudenti Għawdxin

L-istudenti Għawdxin fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport ikollhom aċċess aktar strutturat u regolari għall-faċilitajiet sportivi f'Għawdex biex innaqqsulhom l-iskariġġ u jitjieb it-taħriġ tagħhom.

## 82. Programm ta' student-atleta

Nintroduċu programm biex l-istudenti atleti ma jiġux penalizzati meta jirrappreżentaw lil Malta. Nipprovdu ċerti flessibbiltà fl-eżamijiet, arranġamenti ta' skedar mill-ġdid tal-eżamijiet mingħajr ħlas, u rikonoxximent aħjar tal-impenn sportiv tagħhom.

## 83. Programm nazzjonali għat-talent sportiv

Nibdew konsultazzjoni mal-assoċjazzjonijiet sportivi nazzjonali biex nidentifikaw u nsostnu t-talent miċ-ċokon bi scouting fl-iskejjel u fil-komunità, biex jinħoloq perkors serju u kontinwu mill-grassroots sal-elite.

## 84. Modernizzazzjoni tal-infrastruttura sportiva

Nallokaw programm ta' investiment fuq medda ta' ħames snin biex nimmodernizzaw il-faċilitajiet sportivi pubbliċi f'Malta u Għawdex ħalli nżidu l-kwalità u l-aċċessibbiltà.

## 85. Ċentru ta' eċċellenza għall-isport u l-innovazzjoni

Noħolqu ċentru nazzjonali modern li jgħaqqad it-taħriġ indoor, ix-xjenza tal-isport, l-analitika performattiva u l-appoġġ lill-atleti. Dan ikun akkumpanjat minn Sport Data Centre biex Malta tiżviluppa niċċa ekonomika ġdida fir-riċerka u l-analiżi tad-data sportiva.

## 86. Indoor hub multidixxiplinari ġdid

Nibnu indoor hub ieħor għal dixxiplini sportivi differenti biex l-isport iżgħar ikollu spazju xieraq, slots regolari ta' taħriġ, u kapaċità akbar biex jospita avvenimenti u training camps.

## 87. Modernizzazzjoni tal-Kumpless Sportiv tal-Marsa

Inwettqu modernizzazzjoni tal-Kumpless Sportiv tal-Marsa biex jilħaq standards moderni ta' taħriġ u ospitar, u jsaħħaħ il-kapaċità ta' Malta li tilqa' kompetizzjonijiet u tħejji lill-atleti għal livell għoli.

## 88. Trakka tal-karozzi

Gvern ġdid Nazzjonalista jagħmel it-trakka tal-karozzi għad-dilettanti ta' dan l-isport.

## 89. Titoli u arranġamenti stabbli għall-art sportiva

F'każ ta' użu sportiv, nipprovdu arranġamenti stabbli fit-tul għall-artijiet u l-faċilitajiet, biex l-għaqdiet u l-federazzjonijiet ikunu jistgħu jippjanaw u jinvestu b'aktar serħan il-moħħ u sostenibbiltà.

# Ngħollu l-livell fl-Isport

## 90. Fond Nazzjonali għall-Eċċellenza tal-Atleti

Noħolqu Fond Nazzjonali għall-Eċċellenza tal-Atleti bi scholarships u grants strutturati għall-atleti, speċjalment ta' dixxiplini inqas iffinanzjati. Il-Fond ikun ikopri t-taħriġ, l-ivvjaġġar, it-tagħmir, il-coaching u l-preparazzjoni internazzjonali.

## 91. Mira Midalja 2032

Inniedu "Mira Midalja 2032" bħala programm nazzjonali biex Malta timmira b'mod serju u strutturat lejn l-ewwel midalja Olimpika, bi ppjanar fit-tul u appoġġ professjonali lill-atleti.

## 92. Appoġġ serju lill-atleti elite

Insaħħu l-appoġġ lill-atleti elite permezz tax-xjenza tal-isport, fiżjoterapija, nutrizzjoni, psikoloġija tal-isport, appoġġ għall-ivvjaġġar u dual-career planning, biex il-potenzjal tagħhom ma jintilifx minħabba nuqqas ta' organizzazzjoni u struttura.

## 93. Programm nazzjonali ta' professjonalizzazzjoni tal-coaching

Innedu sistema nazzjonali ta' kwalifiki, taħriġ kontinwu u standards etiċi għall-kowċis biex il-professjoni tal-coaching tikseb aktar serjetà, kwalità u rispett fil-livelli kollha tal-isport.

## 94. Liċenzjar u reġistru nazzjonali tal-kowċis

Nistabbilixxu sistema ta' liċenzjar u reġistru nazzjonali tal-kowċis skont id-dixxiplina u l-livell, b'obbligu ta' taħriġ kontinwu u standards minimi ta' salvagwardja, ħalli niżguraw kompetenza u ambjent sportiv sikur għall-atleti.

# Parteċipazzjoni usa' minn kulħadd

## 95. Programm biex il-bniet u t-tfajliet jibqgħu fl-isport

Inniedu programmi mmirati għall-bniet u t-tfajliet min 12 sa 18-il sena, b'coaching b'xejn, self ta' tagħmir, skedi flessibbli u timijiet apposta biex jonqos il-waqfien mill-isport fis-snin tal-adolexxenza.

## 96. Fond għall-ugwaljanza u rappreżentanza tan-nisa fit-tmexxija tal-isport

Nallokaw fond speċifiku biex insaħħu t-timijiet tan-nisa, jiżdiedu l-coaches nisa, jittejbu l-kwalifiki tan-nisa fit-tmexxija u tissaħħaħ l-infrastruttura, inkluż b'changing rooms u sigurtà waqt ċerti sessjonijiet.

## 97. Finanzjament marbut mal-parteċipazzjoni tan-nisa

Nintroduċu kriterji ċari fil-finanzjament pubbliku biex jingħata piż akbar lill-għaqdiet sportivi li jżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa u joħolqu ambjenti aktar ugwali u sikuri.

## 98. Aċċessibbiltà akbar fl-isport għall-persuni b'diżabbiltà

Naħdmu ma' korpi rappreżentattivi biex intejbu l-aċċessibbiltà tal-faċilitajiet sportivi u nsaħħu l-programmi ta' parteċipazzjoni għall-persuni b'diżabbiltà, biex l-isport ikun tassew inklussiv għal kulħadd.

# Iktar investiment fl-isport għal aktar attività u taħriġ

## 99. Tnaqqis fit-taxxa għall-isportivi professjonali

Innaqqsu r-rata tat-taxxa għal 5% għall-isportivi professjonali fis-settur sportiv, inkluż coaches, amministraturi u uffiċjali, biex nattiraw aktar professjonisti kwalifikati fl-industrija.

## 100. Fond Nazzjonali għall-Isport iffinanzjat minn 2% tad-dħul tal-lotteriji

Nallokaw 2% tad-dħul nett mil-lotteriji u l-logħob awtorizzat għal fond maħsub għall-isport, biex jinħoloq sors stabbli u sostenibbli ta' finanzjament nazzjonali.

## 101. Tax breaks għal investiment privat fl-isport

Nagħmlu l-investiment privat fl-isport aktar attraenti permezz ta' tax breaks għal infrastruttura sportiva, athlete support, workplace sport u youth development.

## 102. Tax credits għall-kumpaniji li jisponsorjaw attivitajiet sportivi

Nintroduċu tax credits għall-kumpaniji li jisponsorjaw lil atleti, clubs u avvenimenti sportivi, b'inċentivi addizzjonali għall-isports emerġenti jew inqas iffinanzjati.

### 103. Vouchers għal tagħmir u lbies sportiv

Indaħħlu skema ta' vouchers biex nħeġġu x-xiri ta' tagħmir u lbies sportiv bażiku, u nnaqqsu l-ispiża inizjali tal-parteċipazzjoni fl-isport.

### 104. Kummerċjalizzazzjoni responsabbli tal-faċilitajiet sportivi

Nippermettu lill-għaqdiet sportivi jiġġeneraw dħul sostenibbli mill-faċilitajiet tagħhom, iżda b'salvagwardji ċari biex l-użu sportiv jibqa' prijorità u ma ssirx spekulazzjoni kummerċjali.

# Sport tourism, promozzjoni u wirt sportiv

### 105. Malta bħala destinazzjoni ta' turiżmu sportiv

Infasslu politika aktar qawwija u soda għal turiżmu sportiv flimkien ma' SportMalta u l-MTA biex nattiraw training camps, tournaments u avvenimenti internazzjonali li jiġġeneraw introjtu, joħolqu x-xogħol u branding ġdid għal Malta u Għawdex.

### 106. Entità speċifika għall-bids ta' avvenimenti internazzjonali

Noħolqu unit apposta biex tidentifika, tipprepara u tmexxi l-bids għal avvenimenti sportivi internazzjonali, b'kollaborazzjoni ma' federazzjonijiet, SportMalta u l-MTA.

### 107. Achieve 360 imsaħħaħ għall-edukazzjoni u l-eċċellenza sportiva

Inwessgħu Achieve 360 biex isir pilastru nazzjonali għall-atleti studenti, b'aktar aċċess, aktar investiment u koordinazzjoni aħjar bejn l-edukazzjoni u l-isport, biex aktar żgħażagħ ikunu jistgħu javvanzaw fl-istudji u fl-isport mingħajr ma jkollhom jagħżlu bejn wieħed u ieħor.

### 108. Mużew Nazzjonali tal-Isport

Nistabbilixxu Mużew Nazzjonali tal-Isport biex niċċelebraw il-wirt sportiv tagħna, noħolqu attrazzjoni edukattiva u turistika, u nispiraw ġenerazzjonijiet ġodda b'aktar għarfien tal-istorja sportiva Maltija.

PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Dan hu l-mument tiegħek